



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2018/0258(COD)**

5.11.2018

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-istruмент ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Frontieri (COM(2018)0474 – C8-0273/2018 – 2018/0258(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Kyrtos

PA\_Legam

PE626.954v02-00

2/12

AD\1168012MT.docx

**MT**

## **EMENDI**

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1 a) L-Unjoni Doganali hija l-pedament tal-Unjoni Ewropea bħala wieħed mill-akbar blokki kummerċjali fid-dinja, u hija fundamentali għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-benefiċċju kemm tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini tal-UE. Fir-riżoluzzjoni tiegħi tal-14 ta' Marzu 2018, il-Parlament Ewropew esprima tħassib partikolari rigward il-frodi doganali, li ħolqot telf-sinifikanti ta' introjtu għall-baġit tal-Unjoni. Il-Parlament Ewropew tenna li Ewropa iktar b'saħħitha u iktar ambizzjuża tista' tinkiseb biss billi tingħata mezzi finanzjarji msaħħa u appella, għalhekk, biex tingħata ghajjnuna kontinwa lil politiki eżistenti, jiżdiedu r-riżorsi għall-programmi ewlenin tal-Unjoni, u biex ir-responsabbiltajiet addizzjonali jiġu mqabbla ma' mezzi finanzjarji addizzjonali.*

### **Emenda 2**

#### **Proposta għal regolament Premessa 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-*

*imħassar*

*Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup>.*

*<sup>27</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 22**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Sabiex tingħata tweġiba xierqa għall-prioritajiet tal-politika, għat-theddid u għat-teknoloġiji li qed jevolvu, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-iskopijiet tal-kontrolli doganali għall-azzjonijiet li huma eliġibbli skont l-Instrument u tal-emendar tal-lista tal-indikaturi li jintużaw biex titkejjel il-kisba tal-ġħanijiet spċifici. Hu tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tīgi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom

##### *Emenda*

(22) Sabiex tingħata tweġiba xierqa għall-prioritajiet tal-politika, għat-theddid u għat-teknoloġiji li qed jevolvu, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma***, tal-emendar tal-iskopijiet tal-kontrolli doganali għall-azzjonijiet li huma eliġibbli skont l-Instrument u tal-emendar tal-lista tal-indikaturi li jintużaw biex titkejjel il-kisba tal-ġħanijiet spċifici. Huwa tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tīgi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom

ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-eserti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Istati Membri, u l-eserti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-eserti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 24

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Ir-regoli finanzjarji orizzontali li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jistabbilixxu, b'mod partikolari, il-proċedura biex jiġi stabbilit il-baġit u biex dan jiġi implimentat permezz ta' għotjet, akkwist, premijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifikasi tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE għandhom x'jaqsmu wkoll mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati b'rabta mal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, minħabba li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prerekwiżit essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u għal finanzjament effettiv min-naħħa tal-UE.

###### *Emenda*

(24) Ir-regoli finanzjarji orizzontali li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jistabbilixxu, b'mod partikolari, il-proċedura biex jiġi stabbilit il-baġit u biex dan jiġi implimentat permezz ta' għotjet, akkwist, premijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifikasi tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE għandhom x'jaqsmu wkoll mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati b'rabta mal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, minħabba li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prerekwiżit essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u għal finanzjament effettiv min-naħħa tal-UE. ***Il-finanzjament taħt dan l-Instrument jenħtieġ li jirrispetta l-principi ta' trasparenza, proporzjonalità, trattament uguali u nondiskriminazzjoni.***

#### Emenda 5

##### Proposta għal regolament Premessa 25

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Jenħtieġ li t-tipi ta' finanzjament u

###### *Emenda*

(25) Jenħtieġ li t-tipi ta' finanzjament u

l-metodi ta' implementazzjoni skont dan ir-Regolament jingħażlu abbażi tal-ħila tagħhom li jiksbu l-għan speċifiku tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju ta' nuqqas ta' konformità li mistenni jkun hemm. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqies l-użu ta' somom f'daqqa, ta' rati fissi u ta' kostijiet unitarji, kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

l-metodi ta' implementazzjoni skont dan ir-Regolament jintgħażlu abbażi tal-ħila tagħhom li jiksbu l-għan speċifiku tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju ta' nuqqas ta' konformità li mistenni jkun hemm. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqies l-użu ta' somom f'daqqa, ta' rati fissi u ta' kostijiet unitarji, kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju. *It-titjib tal-implementazzjoni u l-kwalità tal-infiq jenħtieġ li jikkostitwixxu prinċipji gwida biex jinkisbu l-objettivi tal-Instrument, filwaqt li jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 26a (ġidida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(26a) Filwaqt li jirrifletti dwar l-urġenza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u biex ikun fuq quddiem fl-implementazzjonijiet tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi, dan il-Fond se jikkontribwixxi biex jiġu integrati l-azzjonijiet klimatiċi u tinkiseb il-mira kumplessiva ta' mill-inqas 25 % ta' nfiq tal-bagħit tal-UE li jappoġġa l-objettivi tal-klima matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027 u 30 % mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2027. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implementazzjoni tal-Fond, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

- Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Instrument għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR 1 300 000 000 fi prezzijiet kurrenti.

*Emenda*

- Il-pakkett finanzjarju għall-Implimentazzjoni tal-Instrument għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' **EUR 1 149 175 000 fi prezzijiet tal-2018 /EUR 1 300 000 000 fi prezzijiet kurrenti.**

### Ġustifikazzjoni

*Qiegħed jiġi propost li l-pakkett finanzjarju jiġi emendat skont ir-riżoluzzjonijiet tal-PE tal-14 ta' Marzu u tat-30 ta' Mejju dwar il-QFP li jmiss, abbażi ta' diżaggregazzjoni teknika preliminari għal kull programm li jista' jkun soġġett għal aktar aġġustamenti, filwaqt li tiġi rispettata l-pożizzjoni ġenerali tal-PE kif stabbilita f'dawk ir-riżoluzzjonijiet u wkoll il-livell ġenerali ta' 1,3 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE-27.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Artikolu 11 - paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

- Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implementazzjoni. Dak l-att ta' implementazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15.**

*Emenda*

- Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14, billi temenda l-Anness IIa biex tistabbilixxi programmi ta' ħidma.**

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 13 - paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

- L-evalwazzjoni interim tal-Instrument għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli

*Emenda*

- L-evalwazzjoni interim tal-Instrument għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli

dwar l-implimentazzjoni tal-Instrument, iżda mhux aktar tard minn *erba' snin* wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Instrument.

dwar l-implimentazzjoni tal-Instrument, iżda mhux aktar tard minn *sentejn* wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Instrument.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Artikolu 13 - paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Instrument, iżda mhux aktar tard minn *erba' snin* wara tmiem il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Instrument mill-Kummissjoni.

*Emenda*

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Instrument, iżda mhux aktar tard minn *sentejn* wara tmiem il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Instrument mill-Kummissjoni.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Artikolu 14 - paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 6(3) u 12(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

*Emenda*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 6(3), **11(2)** u 12(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Artikolu 14 - paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6(3) u 12(2) tista' tīgi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-

*Emenda*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6(3), **11(2)** u 12(2) tista' tīgi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-

validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

### Emenda 13

#### Proposta għal regolament Artikolu 14 - paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(3) u 12(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalihi fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalihi. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Emenda*

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(3), **11(2)** u 12(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalihi fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalihi. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

### Emenda 14

#### Proposta għal regolament Artikolu 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Artikolu 15*

##### *Proċedura ta' kunitat*

- Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-“Kunitat tal-Programm Dwana” imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) [2018/XXX]<sup>38</sup>.*
- Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jaapplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*Emenda*

*imħassar*

---

<sup>38</sup> COM(2018)442.

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament Artikolu 16 - paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Dawk li jirċievu l-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonox Xu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovd informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.

*Emenda*

1. Dawk li jirċievu l-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonox Xu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jipromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovd informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku, *b'hekk jintwera l-valur miżjud tal-Unjoni u jiġu megħjuna l-isforzi marbuta mal-ġbir tad-data min-naħħa tal-Kummissjoni sabiex tissaħħħah it-trasparenza baġitarja.*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament Anness IIa (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Anness IIa*

*Programmi ta' ħidma*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment tal-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0474 – C8-0273/2018 – 2018/0258(COD)
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-ħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 2.7.2018
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-ħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 2.7.2018
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Georgios Kyrtos 28.6.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	26.9.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	5.11.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 25 2 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karine Gloanec Maurin, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Andrey Novakov, Marco Valli
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Michael Detjen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>25</b>	<b>+</b>
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez
ECR	Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk
EFDD	Marco Valli
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere
S&D	Michael Detjen, Eider Gardiazabal Rubial, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Indrek Tarand

<b>2</b>	<b>-</b>
ENF	André Elissen
NI	Eleftherios Synadinos

<b>1</b>	<b>0</b>
ENF	Marco Zanni

It-tifsira tas-simboli:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni